# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-21 ta' Marzu, 2017.**

**Rikors Numru 130/2016 SM**

**Joseph Lia**
**( 791247M)**

**vs.**

**Vincent Francica**
**(547960M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-22 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi datata is-7 ta' Lulju, 1995, l-intimat Vincent Francica, wara nota

t'ammissjoni pprezentata minnu stess, kien ikkundannat ihallas lir-rikorrenti odjern is-somma ta' elf erba' mija u erbgha u erbghin euro u ghoxrin centezmu, (€1,444.20), ekwivalenti ghal Lm620.00, bl-ispejjez, inkluzi l-mandati hemm indikati u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-hlas effettiv, (ara foll 3);

1.2. Illi *nonostante* li interpellat diversi drabi biex ihallas l-ammonti fuq indikati, l-intimat baqa' inadempjenti;

1.3. Illi ghad ghandu interess jezegwixxi s-sentenza fuq indikata *ai termini* tal-artiklu 259 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.4. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex l-intimat jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Lia vs. Vincent Francica***, ***Citazzjoni Numru 1711/1994/JSP***), deciza mill-***Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Lulju, 1995***, *ai termini* tal-artiklu 258 *et sequitur* tal-Kap 12 *de quo*;

1.4.2. Bl-ispejjez;

2. Tirrileva li l-intimat qieghed fi stat ta' kontumacja skont il-ligi, (ara foll 27);

3. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti datat il-31 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu irrilevat li mid-data tas-sentenza li taghha qed tintalab l-esekuzzjoni taghha r-rikorrenti ghadu ma rcieva l-ebda pagament, (ara foll 27);

4. Illi in vista tal-istess konferma hekk verbalizzata fl-udjenza indikata fil-paragrafu precedenti l-procedura in dizamina thalliet ghas-sentenza, (ara foll 27);

5. Illi a bazi tal-artiklu 170 tal-Kap 12 l-intimat gie debitament awtorizzat biex jekk irid, jissottometti r-ragunijiet tieghu fir-rigward sad-data hemm indikata, (ara foll 27);

6. Illi tirrileva li t-terminu ghas-sottomissjonijiet tal-intimat ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi b’sentenza datata s-7 ta’ Lulju, 1995, l-intimat Francica gie kkundannat ihallas lir-rikorrenti s-somma fuq indikata ta’ €1,444.20, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti sal-pagament effettiv kif hemm indikati, (ara foll 3);

7.2. Illi l-intimat baqa’ inadempjenti *nonostante* li kien interpellat diversi drabi biex jadixxi ruhhu mas-sentenza *de quo*;

7.3. Illi r-rikorrenti ghad ghandu interess jesegwixxi s-sentenza fuq riferita kontra l-intimat;

7.4. Illi minkejja li notifikat fil-Gazzetta tal-Gvern, (ara foll 16), u f’gazzetta lokali, (ara foll 21), l-intimat baqa’ fi stat ta’ kontumacja, (ara foll 27);

7.5. Illi permezz tar-rikors promotur tieghu, (ara foll 1), ir-rikorrenti ikkonferma, is-suespost bil-gurament, li kien ukoll sussegwentement ikkonfermat mill-abbli rapprezentanti legali tieghu bil-verbal taghha datat il-31 ta’ Jannar, 2017, (ara foll 27);

Ikkunsidrat:

8. Illi l-artiklu 258 tal-Kap 12 fuq riferit jistabbilixxi s-segwenti:

“Wara:

(a) l-gheluq ta’ hmistax- il sena minn dakinhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a), (c) u (d) tal-artiklu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta’ gie esegwit;

l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrenti ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-eskuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut";

9. Illi l-artiklu 253 fuq riferit jistabbilixxi liema huma t-titoli esekuttivi u fosthom hemm indikati:

"...is-sentenzi ... tal-qrati tal-gustizzja ta' Malta";

10. Illi *stante* li kull titolu esekuttiv – inkluz is-sentenzi – ghandhom hajja limitata u determinata sa meta jistghu jigu esegwiti, allura wara li jghaddi t-terminu preskritt tista' tithaddem il-procedura indikata fl-imsemmi artiklu 258 biex tali titolu esekuttiv ikun jista' jerga jigi esegwit;

11.0. Illi r-rekwiziti kollha hekk stabbiliti biex terga tigi esegwita s-sentenza fuq indikata datata s-7 ta' Lulju, 1995, gew kollha sodisfatti u konsegwentement din il-qorti tqis li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

11.1. Tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti;

11.2. Tawtorizza l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-***Qorti tal-Kummerc*** fl-ismijiet ***Joseph Lia vs. Vincent Francica***, ***Citazzjoni Numru 1711/1994/JSP***), datata is-***7 ta' Lulju, 1995***;

11.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**